**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Josephine Mercieca

vs

Carmelo Mugliette

CCT 70/19/MS

15 ta Jannar 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-25 ta' Gunju 2019 fejn talbet is-somma ta' tmien mitt Euro, rapprezentanti danni u kumpens wara xoghol ta' tibjid maghmul mill-intimat, liema xoghol allegatament ma kienx skond l-arti u s-sengha.

Ra r-risposta tal-intimat ipprezentat fil-24 ta' Lulju 2019 fejn cahad it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u ecepixxa li l-ebda ammont ma kienx dovut.

Ra l-atti kollha tal-prcess

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Novembru 2018, l-intimat gie imqabbad mir-ragel tat-tifla tar-rikorrent (Mario Sammut) biex imur fid-dar taghha u jara x'kien hemm bzonn isir fuq il-bejt, wara li r-rikorrenti ilmentat minn perkolazzjoni tal-ilma. Fit-8 ta' Novembru l-intimat mar ghand ir-rikorrenti u tela' fuq il-bejn biex jikkonstata x-xoghol li kellu jsir. Ir-rikorrenti ma setghetx titla' mieghu minhabba infermita'. Qabblu fuq prezz ta' €350.00 apparti z-zebgha li kellu jkun a karigu tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti tghid illi meta l-intimat nizel minn fuq il-bejt qallha li ma kienx hemm hsara u ghalhekk qaltlu biex jizboh ic-cint tal-bejt minn gewwa, l-hitan ta' barra l-kamra u jizbogh is-saqaf ta' fejn ken qieghed iqattar . Fl-14 ta' Novembru 2018 l-intimat beda jahdem u r-rikorrenti tatu xi flus ghaz-zebgha. Rega' gie fil-15 ta' Novembru u fuq domanda tar-rikorrenti jekk ghalaqx il-fili ta' fuq il-bejt tal-kamra, wiegeb fl-affermativ. Gie xi drabi ohra u fid-19 ta' Novembru lesta mix-xoghol u qalilha li ha jistenna sakemm jinxef umbaghad jigi jizbghu minn gewwa. Fl-1 ta' Dicembru ghamlet maltempata u dahlilha

hafna ilma u meta r-rikorrenti cemplet lill-intimat biex tghidlu, qatalha. Saru xi tentattivi ohra, pero' r-rikorrenti tghid li l-intimat ma riedx jaf u qallha *"jiena ma nafkomx u ma nemminkomx.'* Ir-rikorrenti tghid ukoll illi hi qatt ma assistiet jew telghat fuq il-bejt mal-intimat peress illi kellha dizabilita' f'saqajha u ghalhekk ma setghetx titla biex tara x-xoghol li kien qed jaghmel. Tghid ukoll li gew tlieta ohra biex jaraw ix-xoghol li ghamel u hadd ma ried jidhol fuq xogholu ghax kien dizastru.

Xehed ukoll Mario Sammut li jigi r-ragel tat-tifla tar-rikorrenti, li kien qabbad lill-intimat jaghmel ix-xoghol. Ighid li kien jaf l-intimat ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u dejjem afdah fix-xoghol u kien ghalhekk li baghtu ghand il-kunjata biex jirrangalha l-hsara li kellha, peress li kien hemm ilma diehel. Meta mar jara x-xogho wara li tlesta, ighid li kien pastazata u flok l-ilma naqas milli jidhol, iktar beda diehel. Qal ukoll li meta cempel lill-intimat dan tal-ahhar qallu li kien ghad fadal isiru xi xogholijiet ta' zebgha wara li jinxef is-saqaf. Kien hemm nuqqas ta'qbil u ma spiccawx fuq nota tajba, tant li l-intimat qallu *'lilkom ma nafkomx u ma tafuniex'*. Sammut ighid illi hu qatt ma akkumpanja l-intimat, la l-ewwel darba u lanqas it-tieni darba u ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol tal-bejt. Kulma ghamel kien li qabbad lill-intimat u hallsu, xejn iktar. Pero' kien jaf x'xogholijiet kellu jaghmel -l-opramorta ta' fuq il-bejt tal-washroom, ir-roof compound, u kellu jiftah il-fili u jaghlaqhom biz-zebgha.

Illi min-naha l-ohra l-intimat, jikkonferma li jaf lil Mario Sammut u li kien hu li qabbdu jaghmel xi xoghol fid-dar tal-kunjata, u li kien wasslu hemm ukoll. Qallu ukoll biex jaghmillha l-opramorta u jizbogh fuq barra. Jikonferma illi ftehmu fuq prezz ta' €350 barra z-zebgha (ghall-opramorta u d-dawra tal-bejt). Jinsisti illi huwa kellu x'jaqsam biss mal-hitan tal-bejt u s-saqaf kellu jizbghu Mario. Osserva illi s-saqaf kien imxarrab u li ma kienx imhallas biex jaghmel l-art tal-bejt.

Ikkunsidra

Illi jidher illi din il-kawza saret konsegwenza ta' malintiz u nuqqas ta' ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimat. Jista' jkun illi r-rikorrenti ma spjegatx lilha nnifisha sew u l-intimat ma fehemx ezatt x'riedet minghandha, iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra illi r-rikorrenti u lanqas Mario Sammut ma kienu fizikament mal-intimat meta dan tal-ahhar acceda fuq il-bejt biex jara x-xoghol li kellu jsir. L-intimat ighid li xogholu kien limitat ghal hitan u l-opramorta li kellhom jinzebghu minn barra. Ta' dan ried tlett mija u hamsin Euro.

Ikkunsidra

It-Tribunal ghandu quddiemu zewg versjonijiet konfliggenti. Ir-rikorrenti tghid illi l-intimat kellu jiehu hsieb il-fili u l-perkolazzjoni tal-ilma fuq il-bejt, oltre li jizbogh l-opramorta, mentri l-intimat ighid li xogholu kien limitat biss ghall-opramorta u l-hitan ta' barra. F'dan

il-kaz, it-Tribunal ghandu karenza ta' provi. La r-rikorrenti u l-anqas Mario Sammut ma kienu prezenti waqt li l-intimat kien qed jaghmel ix-xoghol, u l-anqas qabel meta x-xoghol kien qed jigi spezzjonat. Fil-kaz in ezami ma tirrizulta ebda cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tat-Tribunal favur tezi u mhux ohra.

Ghalhekk f'tali sitwazzjoni jhoss li ghandu japplika l-principlu li ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq il-propnderanza tal-probabilitajiet. *Actor non probante reus absolvitur*. Dan il-principju jassumi ferm iktar rilevanza fil-kaz in ezami fejn ir-rikorrenti qed titlob l-ammont ta' tmien mitt Euro ghax-xoghol kollu li ppretendiet li kellu jsir, meta l-ammont miftiehem u attwalment imhallas, kien biss tlett mija u hamsin Euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru